MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1218/2007

Kawza fil-lista: 27

**A B f' isimha personali, u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri C B u D B**
**vs**
**G F nominat kuratur biex jirrapprezenta l-eredita' gjacenti ta' E F, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi hija kellha relazzjoni ma' E F, ID Nru. <K.I.>, li miet fit-12 ta' Lulju 2007, wara incident stradali (Dok. A), minn liema relazzjoni hi kellha zewg ulied, tifel bl-isem C,

li twieled fid-29 ta' Marzu 2003, u tifla bl-isem D, li twieldet fil-21 ta' Frar 2006.

2. Illi fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C, taht il-kolonna "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" (Dok. B) dan gie mnizzel bhala wild "unknown father".

3. Illi similiment fic-certifikat tat-twelid tal-minuri D, taht il-kolonna "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" (Dok. C) din giet imnizzla bhala wild "unknown father".

4. Illi in verita' sia t-tifel minuri tal-attrici, C, kif ukoll it-tifla minuri tal-istess attrici, D, huwa l-wild naturali ta' l-imsemmi E F.

5. Il-premess jirrizulta konfermat ukoll mill-anness "Paternity Test" (Dok. D) li fih hemm dikjarat illi E F is with a probability of 99.99% the biological father of the children C B and D B.

6. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-attrici personalment.

Stante li kif premess il-minuri C u D, ahwa B, huwa l-wild naturali tal-attrici u tal-mejjet E F, u stante li kif premess l-istess minuri fir-rispettiv certifikat tat-twelid taghhom huma registrati bhala ulied 'unknown father', u peress illi l-attrici, anki ghan-nom taz-zewg uliedha minuri, trid li dawn jigu rikonoxxuti, u konsegwentement registrati mill-konvenut l-iehor, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, bhala li huma t-tnejn l-ulied naturali ta' l-istess E F, hi qed tistitwixxi din il-procedura.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. M' ghandiex din il-Qorti tiddikjara li l-minuri C B u D B huma l-wild naturali tal-mejjet E F, u konsegwentement li l-istess E F huwa l-missier naturali taghhom.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C B u partikolarment fil-

kolonna “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier” billi l-kliem “unknown father” jigu sostitwiti bl-isem “E F”, flimkien ma’ dawk il-konnotati l-ohra necessarji.

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri D B u partikolarment fil-kolonna “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier” billi l-kliem “unknown father” jigu sostitwiti bl-isem “E F”, flimkien ma’ dawk il-konnotati l-ohra necessarji.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut G F:

1. Illi b’ nota prezentata fil-5 ta’ Frar 2008 huwa formalment accetta l-bandu sabiex jirraprezenta l-eredita’ gjacenti ta’ E F fl-atti kollha relattivi u sussegwenti f’ din il-kawza.

2. Illi f’ din il-kwalita’ indikata mhux qed jaghmel opposizzjoni ghat-talba attrici purche’ it-talbiet hemm kontenuti jigu pruvati skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex kompetenza biex tiehu konjizzjoni ta’ l-azzjoni odjerna li jmissha giet intavolata fil-Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja).

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jehtieg li r-rikorrent tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali tad-decuius E F sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, dawn id-

dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Atti tat-Twelid rispettivi. Inoltre, jehtieg li l-kunjom tal-minuri jigi korrett fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri D li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 645 tas-sena 2006.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-digriet moghti fis-17 ta' Gunju 2008 li permezz tieghu l-atti odjerni gew rimessi lil din il-Qorti;

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tad-DNA prezentat minn Dottor Renald Blundell, minnu debitament mahluf; u semghet ukoll in propozitu ix-xhieda ta' l-espert forensiku Dottor Mario Scerri, tat-tekniku William Atanasio u ta' l-Ispizjara Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-mejjet E F huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C B u D B li twieldu rispettivament fid-29 ta' Marzu 2003 u fil-21 ta' Frar 2006, u li jinsabu registrati fuq l-Att tat-Twelid taghhom, bin-numri rispettivi 1223/03 u 645/06, bhala ulied ta' missier mhux maghruf; kif ukoll sabiex issir il-korrezzjoni konsegwenzjali fl-imsemmija certifikati tat-twelid.

---

[1] Fol.49 *et seq.*

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attrici bdiet relazzjoni ma' E F fil-bidu tas-sena 1999, liema relazzjoni damet sejra tmien snin u nofs sakemm l-istess E F miet fit-12 ta' Lulju 2007. Minn din ir-relazzjoni twieldu l-imsemmija minuri fid-dati fuq indikati; izda fl-att tat-twelid taghhom jinsabu registrati bhala ulied missier mhux maghruf.

Illi l-attrici tghid li dawn it-tfal huma l-wild naturali ta' E F, u kkonfermat li tul ir-relazzjoni mieghu, hija kellha relazzjonijiet intimi mieghu biss, u ma hadd izjed.

Illi r-rapport tat-testijiet xjentifici jikkonfermaw din it-tezi ta' l-attrici, u cioe' li E F huwa l-missier bijologiku tat-tfal fuq indikati.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma sorretti mill-provi, u ghalhekk huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tfal C B u D B li twieldu rispettivament fid-29 ta' Marzu 2003 u fil-21 ta' Frar 2006, huma t-tfal naturali tal-mejjet E F; u konsegwentement tordna l-korrezzjoni fic-certifikati tat-twelid taghhom, numri 1223/03 u 645/06, fit-termini tat-talbiet numri tnejn [2] u tlieta [3].

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici proprio u mill-konvenut G F nomine, konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------